Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,202, 5 ta' Marzu, 2024
Taqsima B

A.L. 46 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Insurance taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għas-Certificate in Insurance taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Insurance; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2019 għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti kkunsidrati skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom dawk il-kwalifiki u / jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt. L-eliġibbilità ta' dawn l-applikanti għandha tiġi deċiża mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, wara intervista mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sena fuq bażi ta' studju part-time.

(2) L-applikanti eliġibbli jistgħu jirreġistraw bħala studenti viżitaturi għal taqsimiet-studju individwali u jiksbu krettu għalihom. Suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, il-kretti mogħtija għal taqsimiet-studju bħal dawn jistgħu jiġu trasferiti għall-Kors, diment li ma jkunux għaddew aktar minn seba' snin mit-tlestija b'suċċess tat-taqsimiet-studju. Meta l-krettu għal aktar minn taqsima-studju waħda jkun qed jiġi trasferit għall-Kors, allura s-seba' snin għandhom jibdew mid-data tal-aħħar krettu mogħti.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet-studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS.

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

L-Għotja taċ-Ċertifikat

7. (1) Iċ-Ċertifikat għandu jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha ndikati fl-ordinament 5.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.